# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 3.1

**Kap 3.1 : Ġesù Fostna**

**Lezzjoni: L-Ewwel Presepju**

**L-Għanijiet:**



L-Istudenti:

1. jifhmu s-siwi tal-festa tal-Milied;
2. jitgħallmu kif jiġi ċċelebrat madwar id-dinja;
3. japprezzaw l-importanza li jiċċelebraw il-Milied kull sena;
4. isiru jafu dwar l-ewwel presepju.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

-*Powerpoint*: Il-Milied- Festa Ta' Dawl

- *Powerpoint*: Il-Milied madwar id-Dinja

- Karta ta' Taħriġ 3.1 (mill-Ktieb)

- Kanzunetta: *Happy Birthday Jesus*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Iddiskuti: Għaliex il-Milied niċċelebrawh fil-25 ta' Diċembru ? Mexxi din l-introduzzjoni permezz tal-Powerpoint: Il-Milied – Festa ta' Dawl.
- Ara li joħorġu dawn ir-raġunijiet:

- L-Ewwel Insara kienu jemmnu li l-Anġlu Gabrijel deher lil Marija fil-25 ta' Marzu. Dakinnhar Marija saret omm u propju disa' xhur wara – fil-25 ta' Diċembru – welldet lil Ġesù.
- Raġuni oħra hija li l-pagani Rumani kienu jiċċelebraw il-Festa tax-Xemx, alla tad-dawl, f'daż-żmenijiet. IL-Lhud ukoll jiċċelebraw il-Festa tad-Dawl f'daż-żmien tas-sena, fit-tempju tagħhom ta' Ġerusalemm.
- Biex il-Knisja torbot ma' dawn it-tradizzjonijiet bdiet tiċċelebra l-festa tat-twelid ta' Ġesù – id-Dawl Tad-Dinja – fil-25 ta' Diċembru.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Fiehem kif madwar id-dinja kollha l-Milied jiġi ċċelebrat skont id-drawwiet u t-tradizzjonijiet marbuta mal-pajjiż. Uri l-lezzjoni titmexxa bil-*Powerpoint*: Il-Milied Madwar id-Dinja.
1. Fakkar fejn sar l-ewwel Presepju.
2. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.1 u spjega s-silta mogħtija.
3. Iddiskuti Attività 1 billi fuq bażi ta' klassi tgħin lit-tfal jimlew is-sentenzi bil-kelma t-tajba.
4. Spjega xi tfisser l-espressjoni 'presepju ħaj' u għin lit-tfal jimlew permezz ta' diskussjoni l-maxturi vojta.
5. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li għandna napprezzaw dak li jirċievu.
6. Semma' l-kanzunetta: Happy birthday Jesus.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-veru s-sens tal-Milied hu t-twelid ta' Emmanuel - Alla magħna - is-Salvatur, id-Dawl li rebaħ fuq id-Dlam.
2. Madwar id-Dinja dan is-sens veru tal-Milied jiġi ċċelebrat b'mod differenti, kulħadd bid-drawwiet tiegħu.
3. L-ewwel presepju għamlu San Franġisk fi Greccio fl-Italja.
4. Dan il-presepju kellu nies ta' veru.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li madwarhom hemm kulturi li ma jemmnux f'Ġesù imma li jagħmlu festi sħaħ biex jifirħu bid-DAWL fil-ħajja tagħhom.
- It-tfal japprezzaw li huma bħala Nsara wkoll għandhom id-DAWL TAGĦHOM, dak li rebaħ fuq id-dnub u ġabilna ħajja ġdida.
- It-tfal ikunu kapaċi jifirħu bid-Dawl f'ħajjithom u jiftakru meta Ġesù ġie fostna.
- It-tfal juru li ma jippretendu xejn minn ħadd u allura japprezzaw ir-rigali li jaqilgħu.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Kant : Happy Birthday Jesus with Lyrics

https://www.youtube.com/watch?v=B44dPW08TGg&list=RDB44dPW08TGg#t=5



**Nitolbu**

**Mulej, inti d-Dawl tad-Dinja.**

**Grazzi talli ġejt fostna biex**

**tnaddafna mid-dnub u nerġgħu**

**nibdew ngħixu ħajja ferħana**

**mimlija paċi u hena.**

